MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Appell Civili - Ghawdex Numru. 56/1993/1

**Citaz numru 56/93 PC**

**Salvatore Ellis u Anthony Ellis fil-kwalita` taghhom ta' Diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta` "A.F. Ellis Limited"**

**vs**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Frar, 1995 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li permezz taggha l-atturi nomine ppremettew illi:-

Permezz ta' Mandat  ta' Qbid Ezekuttiv numru 1636/92 fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana vs Salvatore Ellis et noe" spedit fis-sebgha ta' Ottubru tal-elf disa' mija u tnejn u disghin (7.10.1992), il-konvenut qabad diversi oggetti tal-kumpanija attrici sabiex jottjeni l-hlas ta' mitejn u sitta u sebghin lira Maltija (Lm276.00) allegatament dovuta lilu ghal dazju, flimkien mal-ispejjez ta' proceduri gudizzjari;

Illi dan il-Mandat gie ottjenut fit-termini tal-Artikolu erba' mija u sitta u sittin (466) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u cioe' fuq is-semplici dikjarazzjoni tal-konvenut li dan id-debitu huwa dovut;

Illi l-atturi nomine gew aggravati b'dan il-Mandat in kwantu dan id-debitu mhux realment dovut u ghalhekk iridu jagixxu kontra l-konvenut fit-termini tal-artikolu erba' mija u tmienja u sittin (468) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghall-konferma ta' dan l-aggravju u ghall-hlas tad-danni.

Ghalhekk talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-ammont imsemmi ta' mitejn u sitta u sebghin liri Maltin (Lm276.00) ma huwiex dovut mis-socjeta' attrici lill-konvenut;

2. konsegwentement tiddeciedi wkoll illi l-ispedizzjoni tal-Mandat fuq imsemmi ma hijiex gustifikata u tirrevoka l-istess  mandat;

3. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi nomine konsegwenza tal-procedura addottata mill-konvenut;

4. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra  l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi nomine.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:-

1. preliminarjament, in-nullita` tal-proceduri odjerni a bazi tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti a bazi ta’ l-Att dwar l-Importazzjoni tad-Dazju kif gie recentement deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet “Paolo Bonnici noe –vs- Il-Kontrollur tad-Dwana”, deciza fil-21 ta’ Mejju 1993 u mhux appellata;

3. minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-qbid sar regolarment a bazi ta’ l-artikolu 466 ta’ l-istess Kapitolu 12;

4. illi l-istess mandat inhareg biex jingabar bilanc fuq dazju fuq ‘ceramic tiles’ importati fuq l-M.V. Jolly Arancione fuq id-dokumentazzjoni DE 51992/31.5.90 u dan wara li l-istess atturi gew intimati diversi drabi biex ihallsu, b’ittri bonarji u finalment b’ittra ufficcjali datata 13 ta’ Settembru 1991;

5. illi l-istess atturi mhux talli baqghu inadempjenti fil-hlas pero` ma wiegbu xejn ghall-ittri inkluz l-ittra ufficjali u ghaldaqstant ma jisghu jintalbu ebda danni, anke f’kaz li jigi ppruvat li l-ammont ma kienx dovut, apparti l-fatt li ma jistghux jintalbu danni sakemm ma jigix ippruvat li d-dikjarazzjoni amministrattiva li waslet ghall-hrug ta’ mandat, f’kaz li jirrizulta li l-ammont mhux dovut, intuzat intenzjonalment hazina;

6. illi del resto l-ammont hu dovut;

7. illi l-ispejjez kollha, fi kwalunkwe kaz, ghandhom jigu ssopportati mill-atturi ghar-ragunijiet fuq esposti, liema atturi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut.

Rat in-Noti ta' Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Rat il-verbal taghha tas-6 ta' Dicembru 1994 fejn din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat.

Illi b'din l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu il-konvenut Kontrollur tad-Dwana qieghed jippretendi illi l-kawza odjerna hija nulla peress illi ma gietx segwita l-procedura rikjesta mill-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu gie fil-forma attwali tieghu bl-emendi li gew introdotti bl-Att VIII tal-1981 dwar procedimenti kontra l-Gvern li ssostitwew l-Avviz Legali numru 148 tal-1975. Dan l-artikolu jiddisponi illi ebda proceduri ma jistghu jinbdew kontra l-Gvern jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` ufficcjali taghha hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem minn notifika kontra l-Gvern jew dik il-persuna ta' ittra ufficcjali jew protest.

Il-konvenut jargumenta illi dan l-artikolu tal-ligi jirregola sistema specifika ta' procedura f'kawza kontra l-Gvern, u bhala tali huwa wiehed ta' ordni pubbliku li ghandu jigi osservat kelma b'kelma, specjalment meta si tratta ta' materja bhal din in kwistjoni.

Jiccita in sostenn tat-tezi tieghu, sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Roger Sullivan noe –vs- Il-Kontrollur tad-Dwana" (cit. 685/92), moghtija fil-15 ta' Jannar 1993, fejn il-Qorti, wara li ccitat zewg sentenzi ohra taghha fl-ismijiet "Carmelo Gauci vs A/Registratur tal-Qorti" u "Avukat Dr. Louis Vella et vs Ronald Grech et", decizi rispettivament fl-1 ta' Frar 1990 u t-22 ta' Gunju 1992, u ohra tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet "Salvatore Bezzina et noe vs Direttur tal-Portijiet", tas-7 ta' Jannar 1987, iddikjarat l-att tac-citazzjoni bhala wiehed

irritu u null ghal kull fini u effett tal-ligi ghax kien sar kontra id-disposizzjoniiet tal-precitat artikolu tal-ligi.

L-atturi nomine minn naha l-ohra jargumentaw illi din il-kawza ma kelliex ghalfejn tigi preceduta bl-ittra ufficcjali jew protest altrimenti rikjesti mil-ligi, gialadarba l-istess kawza kienet saret sabiex tikkontesta proceduri ohra kontra taghhom stess li kienu gew istitwiti mill-konvenut. Isostnu wkoll illi l-kawza odjerna taqa’ taht l-eccezzjonijiet salvagwardjati bis-subinciz (2) ta’ l-istess artikolu li jipprovdi li tali procedura mhux mehtiega meta ‘inter alia’ si tratta minn azzjoni maghmula a tenur ta’ disposizzjonijiet ta’ xi ligi fejn ghandha tigi mharsa procedura partikolari maghdud terminu jew zmien iehor.

L-atturi nomine jispjegaw illi c-citazzjoni presenti maghmula ai termini tal-artikolu 468 tal-Kap. 12, sabiex tikkontesta Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv tal-konvenut mahrug in forza tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 hija appuntu wahda mill-eccezzjonijiet kontemplati mil-ligi.

Da parti taghhom l-atturi nonime jikkwotaw in estenso mis-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fil-kawza fl-ismijiet: “Antoine Vassallo vs Ufficjal Inkarigat mid-Dipartiment tal-Ilma f’Ghawdex” fl-4 ta’ Dicembru 1986 u kkonfermata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta’ l-Appell fit-13 ta’ Marzu 1990.

Fuq kwistjoni prattikament identika ghal dik odjerna, fejn l-attur kien qieghed jikkontesta mandat ta’ qbid mahrug kontra tieghu mid-dipartiment ta’ l-Ilma, din il-Qorti kienet spjegat:-

“Illi a bazi tal-procedura stabilita mill-artikolu 466 u dawk sussegwenti, jirrizulta li bl-artikolu 468 l-esekutat ma jista jaghmel ebda opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-mandat, izda ghandu ir-rimedju li jista’ jagixxi kontra l-esekutur ghad-dikjarazzjoni tal-aggravju li bata u ghall-hlas tad-danni minghand il-Gvern.

Din l-azzjoni kontemplata mill-artikolu 468 definittivament teskludi l-applikazzjoni tal-artikolu 460A, billi l-istess

azzjoni hija konsegwenza legali tal-azzjoni istitwita mill-Gvern u ghandha n-natura ta' opposizzjoni ghall-azzjoni tal-Gvern ghall-hlas tal-kreditu minnu pretiz u ma tinkwadrax ruhha fi procediment li nbeda jew ittiehed kontra l-Gvern. U l-Gvern m jistax jippretendi notifika precedenti mill-eskutat li dan irid jopponi l-pretensjoni tal-istess Gvern u ghalhekk f'dan il-kaz ma kienx ikun applikabbli dak li jiddisponi l-Artikolu 460A tal-Kap. 12 in vista wkoll ta' dak li jiddisponi l-istess artikolu 460A fis-subinciz (2).

Din il-Qorti taghmel taghha dawn l-argumenti u tapplikahom ukoll ghall-kaz in ezami. Ma tistax din il-Qorti tannulla din il-kawza a bazi ta' dak li ddikjarat il-Prim'Awla fis-sentenza kkwotata mill-konvenut, u dana peress illi f'dik il-kawza l-attur kien qed jattakka mandat ta' qbid li kien inhareg kontra terzi fuq oggetti li hu kien qed jallega li kienu jappartjenu lilu. F'dak il-kaz ghalhekk il-Gvern ma kien ghadu ha l-ebda passi kontra l-attur innifsu, u kien hu li, erronjament beda bl-azzjoni kontra l-Gvern minghajr id-debita notifika.

Ghall-kuntarju fil-kaz in ezami, kif gia gie spjegat, kien il-Kontrollur tad-Dwana stess li ta bidu ghall-proceduri legali kontra l-atturi nomine, billi ottjena l-hrug tal-mandat ta' Qbid kontra taghhom, l-istess wiehed li huma qeghdin jikkontestaw bil-proceduri presenti. Hekk ukoll jista' jinghad illi l-procedura presenti bbazata kif inhi fuq dak li jipprovdi l-artikolu 468 tal-Kap. 12, taqa' taht l-eccezzjoni kontemplata fis-subinciz (2) tal-artikolu 460 dwar procedura partikolari li ghandha tigi mharsa maghdud terminu jew zmien iehor.

Ghal dawn il-motivi:-

Tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu, u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ma kelliex tinterpreta u tiddeciedi l-materja fl-

ambitu tas-subinciz (2) ghall-Art 460. B'argoment, jirreferi ghal xi decizjonijiet li sostnew il-posizzjoni tieghu.

Qabel xejn jinhass opportun li tigi nkwadrata n-natura tal-azzjoni proposta mill-atturi nomine fl-1993. Permezz taghha qed issir opposizzjoni ghal Mandat ta' qbid numru 1636/92 mahrug fuq it-talba tal-konvenut bis-setgha li jaghtih l-Artikolu 466 tal-Kap 12. Din l-opposizzjoni hi konkordata bl-Artikolu 468 kif kien qabel ma thassar bl-Att XXIV tal-1995. Fl-istat attwali tal-Kodici tal-Procedura Civili l-opposizzjoni accennata hi konsentita bl-Art. 467 tal-Kap 12.

Kif kien imfassal qabel l-emendi legislattivi apportati ghall-imsemmi Kodici fl-1995, "l-Art 466 tal-Kap 12 kien mahsub biex jipprovdi l-procediment ezekuttiv partikolari ghall-Gvern biex jigi assigurat il-hlas tal-krediti lilu dovuti, pero' ma kienx lanqas kif kien dak iz-zmien redatt, jeskludi l-possibilita` lid-debitur esekutat jikkontesta l-pretensjoni tal-Gvern kif dedott f'dak il-mandat."

"Dak l-artikolu u ohrajn sussegwenti allura jiddistingwu bejn l-esigibilita' immedjata tal-kreditu pretiz mill-Gvern u d-dritt tad-debitur li jhossu aggravat bi <u>procedura</u> (sottolinejar tal-Qorti) specjali tentata kontra tieghu biex jikkontesta l-pretensjoni tal-kap tad-dipartiment u jitlob mhux biss dak illi gie minn ghandu elevat biex jinbiegh imma wkoll il-hlas tad-danni minghand il-Gvern … … Dan qabel ma giet fis-sehh l-emenda bl-Att XXIV ta' l-1995 li radikalment biddlet in-natura ta' dan il-procediment specjali billi assigurat lill-ezekutat mezz xieraq ta' difiza kontra kull arbitrarjeta."

Dan il-bran hekk citat in extenso hu mehud mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-4 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet "**Direttur tal-Kummerc –vs- Nathalie Scerri**". Ir-raguni tar-rikapitulazzjoni tieghu hi intiza bl-iskop li jigi ahjar mifhum l-Artikolu 460 u l-konsiderazzjoni li waslet lill-ewwel Qorti tirpoza l-parti operattiva tad-decizjoni taghha.

Issa skond l-Art 460 (1) ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti ma jista jigi prezentat, u ebda

procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew kontra l-Gvern jew kontra xi  awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` ufficjali taghha, hlief wara illi jghaddu ghaxart ijiem minn notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra ufficjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car.

Kif stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet "**David Harding –vs-Lawrence A. Farrugia et**", Appell Civili, 9 ta' Frar 1987, "din il-parti tal-Kodici tal-Procedura (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta giet emendata bl-Att VIII ta' l-1981 u in forza taghha l-Gvern, il-korpi u l-persuni ndikati fl-artikolu de quo gew imqeghdin f'posizzjoni differenti u privileggjati minn intimati u jew konvenuti ohrajn li jkunu qeghdin jittiehdu kontrihom proceduri gudizzjarji."

Huwa desumibbli mill-artikolu appena citat illi l-ligi tirrikjedi tassattivament il-prezentata ta' ittra ufficjali jew ta' protest. Mhux hekk biss pero' ghax l-istess dispost jissokta jghid illi r-Registratur ghandu jirrifjuta li jircevi l-att gudizzjarju jew dokument iehor li jigi pprezentat fir-Registru kontra d-disposizzjonijiet ta' dan  l-artikolu.  Fuq dan l-ahhar punt tajjeb li jinghad illi kif akkolt fil-gurisprudenza anke f'kaz illi ir-Registratur ikun ippermetta l-prezentata tac-citazzjoni l-istess ma tistax tissana n-nullita imposta mil-ligi (Ara "**Roger Sullivan noe –vs-Kontrollur tad-Dwana**", Prim'Awla, Qorti Civili, 15 ta' Jannar 1993).

Fuq din il-materja koncernanti t-tifsira guridika tal-Art 460 hawn ezaminat tajjeb li jigi osservat ukoll illi dan l-artikolu jikkontempla l-kaz ta' proceduri illi jittiehdu jew jinbdew.  Li jfisser illi dan l-istess artikolu ma jsibx applikabilita` fil-kaz li l-gvern, korp jew persuna li jkollha kariga pubblika jigu msejha in kawza skond id-dispost ta' l-Artikolu 961 tal-Kap 12.  Vide decizjoni fl-ismijiet "**Paul Cauchi –vs- Godwin Schembri et**", Prim'Awla, Qorti Civili per Imhallef Hugh Harding, 15 ta' Marzu 1984.

Dan kollu maghdud generalment ghandu rifless fil-limiti ta' dak stabbilit fis-subinciz (1) ghall-Art 460 fuq riferit.

B'danakollu dawn l-istess principji generali jsofru limitazzjoni, u addirittura eskluzjoni, meta meqjusa fil-parametri tas-subinciz (2) tal-istess artikoli. Ghal dak li jirrigwarda l-appell 'de quo', partikolarment tghodd dik il-parti tieghu illi tirreferi expressis ghal harsien ta' xi procedura partikolari, maghduda terminu u zmien iehor.

Issa wiehed logikament jifhem illi l-iskop li l-ligi tinsisti b'tant rigur ghan-notifika b'ittra ufficjali jew protest huwa dak li l-parti taghti lill-Gvern, korp jew il-persuna b'kariga pubblika avviz tal-intendiment taghha li behsiebha tazzjonah biex dan minn naha tieghu jkollu opportunita` fi zmien prefiss ta' ghaxart ijiem joffri rimedju jew soluzzjoni ghal vertenza sorta bejniethom.

Fil-fehma tal-Qorti, u dan mhux biss ghar-raguni motivata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni tat-13 ta' Marzu 1990 in re "**Antoine Vassallo –vs- Ufficjal Inkarigat mid-Dipartiment tal-Ilma f'Ghawdex**" – l-att gudizzjarju dettat mis-subinciz (1) ma huwiex fil-kaz konkret necessitat gjaladarba l-azzjoni tas-socjeta' appellata mhiex hlief il-konsegwenza legali u daqstant iehor logika tal-procediment specjali intentat, u gja mibdi, fil-konfront taghha mill-Kontrollur tad-Dwana bil-mandat ta' qbid. Effettivament l-azzjoni in diskussjoni ma tistax titqies indipendenti u izolata mill-procedura tal-mandat li mieghu ghandha konnessjoni u rabta diretta tant li hi mahsuba mill-istess legislatur proprju bhala opposizzjoni ghalih. Ikun kontro-sens jekk jigi ragunat xort'ohra.

F'kaz bhal dan huwa l-Gvern jew l-enti jew il-persuna ufficcjali li tkun inizjat il-procediment u mhux il-persuna ezekutata. L-azzjoni ta' dan tal-ahhar hi biss kontestazzjoni ta' dan l-istess procediment. Dan hu sorrett mill-enuncjazzjoni ezemplifikata fid-decizjoni surreferita tal-Qorti ta' l-Appell tal-4 ta' Dicembru 1998. Mod iehor tkun qed tigi reza nullifikanti l-operazzjoni ta' l-Artikolu 468 tal-Kap 12.

In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma tara l-ebda sens li tigi disturbata l-konkluzjoni tal-Qorti ta' prim'istanza relattiva ghall-ewwel eccezzjoni tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant. Tirrimetti l-process lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni fuq l-eccezzjonijiet l-ohra u l-meritu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------